KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 338**

**l-Erbgħa, 26 ta' April 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-seba' ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**338.1 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* finali għas-sena 2016.**

338.1.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju jispjega. Is-Segretarju qal li l-Udituri lestew il-proċess ta' verifika tagħhom b'rabta mal-audit tas-sena 2016. Kif il-kunsill hu marbut li jagħmel hu meħtieġ li l-istatements finanzjarji jerġgħu jiġu approvati skont l-aġġustamenti rikjesti minn naħa tal-uditur u dan sabiex jasslu għand l-Awditur Ġenerali sal-Ġimgħa 28 t' April. L-aġġustamenti li saru kienu fir-rigward tal-flus li l-kunsill tilef b'rabta mal-kawża li l-kunsill kellu l-Qorti.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-Financial Statements. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

332.2 **Xogħolijiet urġenti f'Għar Lapsi.**

Is-Sindku qal li fl-aħħar jiem ġie nnutat u rrappurtat il-periklu li nħoloq fil-parti ta' isfel ta' Għar Lapsi minħabba ħsara kbira fir-railings. Minħabba li issa s-sajf jinsab fil-qrib u n-nies diġa bdiet tiffrekwenta iżjed din iż-żona, issuġerixxxa li l-Kunsill joħroġ tender b'urġenza biex ikun installat railing ġdid minflok dak li hemm fin-naħa t'isfel ta' Għar Lapsi. Il-Kunsilliera preżenti kollha tkellmu fuq il-bżonn li dan isir. Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| L-Avukat Karol Aquilina | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |